**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2017

**Avviz Numru: 127/17 AM**

**Numru fuq il-Lista: 21**

**Af. Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692)**
**Zachary House,**
**Industrial Estate,**
**Marsa**

**Vs**

**Owen Scicluna (K.I. 157692M)**
**7, Naya Court, Apartment, Apt 3,**
**Triq Guze Bajada,**
**Hamrun**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-15 ta' Marzu, 2017 li permezz taghha s-Socjeta' attrici talbet minghand l-konvenut il-hlas tas-somma ta' tlett mija u tletin ewro (€330) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitata konsenjata mis-Socjeta' attrici lill-intimat.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hu ma kkontestawx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u l-anqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata nhar il-15 ta' Gunju, 2017, permezz ta' liema nota l-ammont dovut gie ridott ghas-somma ta' mitejn u tmenin Euro u hamsin centezmu (Eur280.50) minn tlett mitt Euro u hamsin centezmu (300.50) u dan stante hlas parzjali ta' hamsin Euro (Eur 50).

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher biex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici jghid li l-ammont kif ridott ghadu dovut, issib li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta gusitikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tmenin Euro u hamsin centezmu (Eur280.50) bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 370/2016 a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikant**